**15 ta' Diċembru, 1961**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

*Raffaele Accarino*

*versus*

Joseph La Rosa

**Rahan — Azzjonijiet — Sekwestru — Nullità — Art. 2074(1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjonijiet f'soċjetà ma jistgħux jiffurmaw oġġett ta' rahan, u għalhekk il-kostituzzjoni tagħhom bħala rahan in garanzija tar-restituzzjoni ta' flus dovuti minn sid l-azzjonijiet lill-kreditur hija nulla, u l-kreditur li jkun irċieva l-azzjonijiet bħala rahan huwa obligat iroddhom lid-debitur li jitlobhom lura minn għandu.*

*Iżda jekk il-kreditur ikun iddepożita dawk l-azzjonijiet u ssekwestrahom f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati biex mbgħad jeżegwixxi l-kreditu tiegħu fuq dawk l-azzjonijiet, il-Qorti, fil-waqt li tiddikjara n-nullità tar-rahan, ma tistgħax tikkundanna lill-kreditur jikkonsenja lid-debitur l-istess azzjonijiet.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-21 ta' Lulju 1955 in atti Micallef Trigona l-konvenut, in garanzija tar-restituzzjoni tas-sorte u tal-interessi msemmijin fl-istess kuntratt, irċieva "in pegno" minn għand l-instanti żewġ azzjonijiet, numri 3 u 4, fil-kumpannija "La Rosa & Accarino (Marbles) Ltd."; u li l-konvenut ġie awtorizzat jeżegwixxi l-imsemmi kuntratt b'deċiżjoni ta' din il-Qorti tas-7 ta' Marzu 1961 fil-kawża "La Rosa vs. Accarino" (ċitaz. 97/61), u b'rikors tal-15 ta' Marzu 1961

talab il-bejgħ in subasta tal-imsemmijin żewġ azzjonijiet, għandu mpenjati kif intqal fuq; u illi dan il-"pegno" hu null u ta' ebda effett, billi dawn l-azzjonijiet mhumiex wieħed mill-oġġetti u sustanzi li l-liġi tenumera tassattivament (art. 2068 Kap. 23) bħala passibbli ta' pinjorament; talab, prevja d-dikjarazzjoni ta' nullità tal-"pegno" kostitwit favur il-konvenut riferibbilment għall-azzjonijiet fuq riferiti, proprijetà tiegħu, fil-kumpannija fuq imsemmija in okkażjoni tal-kuntratt fuq indikat, billi l-istess azzjonijiet skond il-liġi ma jistgħux jiġu kostitwiti u aċċettati "in pegno", illi l-konvenut jiġi kundannat jirrilaxxja u jikkonsenjalu l-istess żewġ azzjonijiet fuq indikati. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-rikors tiegħu tat-3 ta' April 1961 fl-atti tas-subasta pendenti quddiem din il-Qorti in "La Rosa vs. Accarino", u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra talvolta lilu kompetenti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kuntratt fuq indikat, in atti Micallef Trigona tal-21 ta' Lulju 1955, jirriżulta li l-konvenut hu kreditur tal-attur fis-somma ta' £2646, bl-interessi tas-6% fis-sena fuq dik is-somma mid-data tal-kuntratt, u in garanzija tar-restituzzjoni tal-kapital u tal-interessi rċieva minn għand l-attur, b'titolu ta' "pegno", iż-żewġ azzjonijiet fuq riferiti;

Illi, kif sewwa ssottometta l-attur, dawk l-azzjonijiet ma jistgħux ikunu skond il-liġi, l-oġġett ta' "pegno"; u kien evidentement għalhekk li l-konvenut, wara li beda miexi għall-bejgħ ta' dawk l-azzjonijiet bil-proċedura traċċjata fl-art. 2074(1) tal-Kodiċi Ċivili, u kien ippreżenta r-rikors kontemplat f'dak l-artikolu, abbanduna dik il-proċedura u segwa dik li setgħet tiġi segwita fiċ-ċirkustanzi, billi rrenda eżegwibbli l-imsemmi kuntratt bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Marzu 1961, u mbgħad, fil-15 ta' Marzu 1961, għamel talba, b'rikors, biex in eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt u sentenza tiġi ordnata l-vendita in subasta taż-żewġ azzjonijiet fuq indikati biex jitħallas tal-imsemmi kreditu tiegħu u tal-ispejjeż tal-kawża definita bl-imsemmija sentenza; liema talba ġiet mil-Qorti milqugħa

b'digriet taż-17 ta' Marzu 1961. L-għada l-konvenut iddepożita l-azzjonijiet taħt l-awtorità ta' din il-Qorti biex ikunu jistgħu jiġu assenjati lill-eventwali kumpraturi tagħhom; u mbagħad, fit-3 ta' April 1961, talab li jiġi destinat il-jum tal-bejgħ in subasta ta' dawk l-azzjonijiet;

Notifikat bl-imsemmi digriet taż-17 ta' Marzu 1961, l-attur, fit-3 ta' April 1961, ippreżenta rikors li bih, wara li ppremetta illi d-domanda tal-kreditur ma kellhiex tiġi akkolta peress illi l-istess kreditur, bħala wieħed mis-soċi azzjonisti tal-imsemmija kumpannija, kien naqas milli josserva l-pattijiet soċjali fejn hemm dispost li l-kontijiet soċjali li jingħalqu kull sena għandhom jiġu sottomessi lill-awditur u minn dan approvati, tant li hu kien kostrett jadixxi din il-Qorti għan-nomina tal-istess awditur u d-domanda relattiva ġiet akkolta b'sentenza tas-27 ta' Ottubru 1960 fil-kawża "Accarino vs. La Rosa", li biha ġie nominat Arthur Craig biex jadempixxi l-funzjonijiet ta' awditur sa mill-bidu tas-soċjetà sal-31 ta' Diċembru 1959, u li però dan għadu ma ppreżentax ir-rapport tiegħu, u kwindi ma hemm ebda mezz sabiex min hu nteressat fl-azzjonijiet fuq riferiti ikun jaf il-pożizzjoni tas-soċjetà u kwindi l-valur kummerċjali tagħhom, u għalhekk il-bejgħ tal-istess azzjonijiet ikun ta' pregudizzju lilu, billi wkoll l-uniku azzjonista ieħor fl-imsemmija kumpannija huwa l-kreditur eżekutant, talab li jiġi revokat "contrario imperio" l-imsemmi digriet taż-17 ta' Marzu 1961 u li tiġi sospiża t-talba għall-bejgħ in subasta tal-istess azzjonijiet sakemm l-awditur Craig ikun ippreżenta l-imsemmi rapport tiegħu u dan ikun sar finali u definittiv;

Notifikat b'dan ir-rikors, il-konvenut għamel oppożizzjoni għat-talba bih avanzata, u l-Qorti, b'digriet in data 10 ta' April 1961, ordnat li jitmexxa skond il-liġi. Fit-18 ta' April 1961 l-attur ippreżenta l-odjern att ta' ċitazzjoni, mhux għas-sospensjoni tas-subasta għar-raġunijiet indikati fl-imsemmi rikors tiegħu tat-3 ta' April 1961, li fuqu, stante l-oppożizzjoni tal-konvenut, il-Qorti ordnatlu li jipproċedi skond il-liġi, imma sabiex l-imsemmijin azzjonijiet jiġu mill-konvenut lilu restitwiti peress li hija nulla l-kostituzzjoni tagħhom f'rahan. Fit-23 ta' Ġunju 1961

l-azzjonijiet ġew mill-konvenut sekwestrati f'idejn ir-Reġistratur;

Illi mill-premess jirriżulta illi, għalkemm tista' tiġi milqugħa t-talba tal-attur għad-dikjarazzjoni illi l-"pegno" tal-imsemmija azzjonijiet ġie nullament kostitwit, iżda t-talba għall-kundanna tal-konvenut sabiex jagħtihom lura lill-attur ma tistgħax tiġi milqugħa; u peress illi d-domanda għad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-imsemmi "pegno" hi preordinata għat-talba għar-restituzzjoni tal-istess azzjonijiet, u l-attur kien jaf bl-imsemmijin proċeduri għall-bejgħ in subasta tal-istess azzjonijiet, mhux bil-proċedura tal-"pegno", imma in eżekuzzjoni tal-kuntratt u tas-sentenza fuq imsemmijin, biex il-konvenut jitħallas tal-kreditu tiegħu kontra l-attur li in garanzija tiegħu l-istess attur ta l-istess azzjonijiet f'idejn il-konvenut, u jekk l-attur kellu xi dritt għas-sospenzjoni ta' dak il-bejgħ minħabba r-raġunijiet minnu mfissra fl-imsemmi rikors tiegħu tat-3 ta' April 1961, seta' għamel kawża għalhekk, u in vista wkoll ta' ċirkustanzi oħra, fosthom dik illi, jekk il-"pegno" ġie malament kostitwit fuq dawn l-azzjonijiet, dan kien dovut anki għall-istess attur, u dan evidentement ried li l-azzjonijiet ikunu f'idejn il-konvenut in garanzija tal-imsemmi debitu lejh, u jekk fil-kuntratt dik il-garanzija issemmiet "pegno", dan sar evidentement għaliex la hu u lanqas il-konvenut ma kienu jafu, u ħadd ma fetħilhom għajnejhom, li dawk l-azzjonijiet, għalkemm setgħu jingħataw garanziji oħra, fosthom dik li jiġu miżmuma mill-konvenut, ma setgħetx iżda toħroġ il-garanzija tal-"pegno", hu xieraq, minħabba dawn iċ-ċirkustanzi kollha partikulari tal-każ, illi l-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu minn għand l-attur;

Għaldaqstant tiddikjara li tabilħaqq il-"pegno" tal-azzjonijiet fuq riferiti ġie nullament kostitwit, skond il-liġi; iżda tiċħad it-talba għall-kundanna tal-konvenut biex jikkonsenjahom lill-attur; u tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża, dati ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu minn għand l-attur.